PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex
*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

30 ta' Mejju, 2021

# QED NIEĦDU NIFS!

Donnhom l-affarijiet qed jiġu ftit għall-aħjar. Ħafna nies reġgħu bdew jiġu l-knisja wara ħafna xhur kważi limitati għall-erba' ħitan tad-dar. Issa donnu nħossuna aktar safe għax ħafna nies huma vaċċinati. Xi wħud forsi draw "bla quddiesa" fil-knisja. Oħrajn iħossuhom li issa għarfu iktar kemm hija sabiħa ċ-ċelebrazzjoni bil-preżenza fiżika u bil-possibbiltà li nitqarbnu u nisimgħu l-Kelma mal-oħrajn.

Xi wħud jgħidulek li b'din il-pademija l-awareness tal-preżenza ta' Alla kibret. Forsi l-pandemija għallmitna iktar kemm huwa sabiħ is-silenzju, ir-riflessjoni u t-talb. Nixtieq insemmi fenomenu li qed jikber mad-dinja kollha u li jista' jkun ta' għajnuna spiritwali għal dan is-sajf li ġej, sewwa għal min isiefer - jekk dan ikun possibbli - u anke għal min joqgħod hawn. Dan il-fenomenu huwa l-pellegrinaġġ għal santwarji magħrufa. Bħalissa aħna f'Għawdex qed nagħmlu l-Erbgħat tal-Madonna ta' Pinu. Din hija drawwa qaddisa u ġejja mill-qedem. Il-fenomenu tal-pellegrinaġġ insibuh f'reliġjonijiet oħrajn ukoll. Forsi dan is-sajf inkunu nistgħu nagħmlu xi pellegrinaġġ biex nerġgħu nikkonnettjaw mar-reliġjon. Fis-sena ta' qabel ma bdiet il-pandemija kien hemm xi 330 elf li għamlu l-Camino ta' Santiago ta' Compostela. Dan kien isir fiż-Żminijiet tan-Nofs imma għal xi żmien kien waqaf.



Min ma jistax jagħmel pellegrinaġġ daqshekk barra min-normal, jista' jagħmel żjara lil xi wieħed mill-Imqades sbieħ li għandna f'pajjiżna u fi gżiritna stess. Filwaqt li nisperaw f'Alla li dalwaqt nitfgħu l-pandemija għal warajna, niftakru li ħajjitna kollha hija pellegrinaġġ u fost il-knejjes li nistgħu nżuru, ma ninsewx lill-għażiża knisja parrokkjali li fiha bdejna l-Ħajja bħala Nsara.

F'dan il-Ħadd, fl-10.00am se jkollna quddiesa li fiha se ssir l-Ewwel Tqarbina. Nitolbu għal dawn it-tfal biex il-mixja tal-ħajja jagħmluha kollha ma' Ġesù Ewkaristija.

***L-Arċipriet Jimmy Xerri***

## AVVIŻI:

**INFAKKRU LI:**

1. L-ilbiesi tal-Ewwel Tqarbina għandhom jiġu rritornati l-Erbgħa, 2 ta' Ġunju, fis-Sala Parrokkjali mill-5:00 sas-7:00pm. Kemm jista' jkun inżommu ma' din id-data.
2. Prova tal-Ġrizma tal-Isqof fil-knisja fil-5:30pm. Importanti li l-krezimandi jattendu kollha u fil-ħin.
3. Nhar is-Sibt, 5 ta' Ġunju se jiġi amministrat is-Sagrament tal-Grizma tal-Isqof. Is-subien fil-5:00pm u jkunu f'posthom fil-4:45pm u l-bniet fis-7:30pm u jkunu f'posthom fis-7:15pm.

**SIEGĦA TAL-ĦNIENA DIVINA:** nhar il-Ġimgħa fl-ewwel ġimgħa tax-xahar. Tkun wara l-quddiesa tal-5:00pm. Id-dinja għandha bżonn tal-Ħniena t'Alla; ejjew għat-talb.

**IL-ĠABRA TAL-FERTA:** tal-weekend li ġej, is-Sibt filgħaxija 5 ta' Ġunju u matul il-quddies tal-Ħadd 6 ta' Ġunju, se tkun b'risq id-Dar Arka. Nagħtu mill-aħjar li nistgħu sabiex insostnu din l-opra ta' karità fid-Djoċesi tagħna.

**BARRANIN FIL-PARROĊĊA:** nitolbu lil kull min jaf b'xi barranin li jgħixu fil-parroċċa, biex javżana bihom, possibbilment billi jagħtuna isimhom u l-indirizz tagħhom, sabiex nistednuhom għal quddiesa speċjali għalihom li se ssir fl-20 ta' Ġunju fil-5:00pm. L-indirizz għandna bżonnu sabiex nibagħtulhom ittra ta' stedina għal din iċ-ċelebrazzjoni. Id-dettalji tistgħu ġġibuhom fl-Uffiċċju Parrokkjali.

**QUDDIESA GĦALL-FRONTLINERS:** ħsibna li għal din is-sena ssir quddiesa tan-Novena ta' San Pietru u San Pawl, għal dawk li matul dawn ix-xhur twal tal-pandemija ħadmu mal-morda li kellhom il-Covid-19 u għal dak kollha li jaħdmu fis-settur tas-saħħa. Għandna l-indirizzi ta' madwar 45 persuna imma sabiex ma nħallu lil ħadd barra, nitolbukom biex tieħdu dan l-avviż bħala stedina. Il-quddiesa speċjali se tiġi ċċelebrata għall-carers, nurses, tobba u kull min kellu jew għandu kuntatt mal-kura mill-Covid-19, fit-22 ta' Ġunju, fis-7:00pm.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm

**SALA PARROKKJALI: Is-Sibt:** fis-6:00pm (issir fil-bitħa tal-Mużew Marittimu)

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am